# FIL-PRIM' AWLA TAL-QORTI CIVILI

## IMHALLEF

## ONOR. TONIO MALLIA LL.D.

## Illum, il-Hamis, 13 ta' Gunju, 2002

Citazzjoni Numru: **197/02TM**

Numru**: 11**

**Elektra Limited**

vs

**Ideal Dwellings (Turnkey) Ltd**

**Il-Qorti,**

Rat l-att tac-citazzjoni li bih is-socjeta' attrici ppremettiet illi s-socjeta' konvenuta hija debitrici tas-socjeta' attrici ghas-somma ta' sitt elef tlett mija u hamsa u disghin lira Maltin u tlieta u hamsin

centezmu, (Lm6,395.53) ghall-merkanzija mibjugha mis-socjeta' attrici lis-socjeta' konvenuta skond il-prospetti hawn annessi dok "A".

Ippremettiet illi s-socjeta' konvenuta rrikonoxxiet li hija debitrirci tal-precitat ammont u li thallas l-istess ammont kif jirrizulta mid-dokument hawn anness dok "B".

Ippremettiet illi s-socjeta' konvenuta naqset milli tonora l-obbligi taghha kif imsemmija fl-istess ftehim hawn anness dok "B".

Ippremettiet illi s-socjeta' konvenuta harget sitt kambjali fl-ammont ta' sitt elef mitejn u erbgha u disghin lira Maltin u erbghin centezmu (Lm6294.40) favur is-socjeta' attrici liema kambjali ma gewx onorati hawn annessi dok "C".

Ippremettiet illi l-kreditu huwa cert, likwidu u dovut u s-socjeta' attrici kkonfermat l-kreditu b'Affidavit a tenur ta' l-artikolu 167 sa 170 tal-Kodici tal-Procedura Civili u li fil-fehma taghha m'ghandiex eccezzjonijiet x'taghti. "dok D"

Ippremettiet illi ghalkemm interpellata s-socjeta' konvenuta naqset milli thallas tghid ghalhekk is-socjeta' konvenuta.

Talbet ghalhekk li s-socjeta' konvenuta tghid ghaliex ghar-ragunijiet premessi m'ghandiex din il-Qorti:

1. Taghti sentenza u tilqa' t-talba attrici bla ma tghaddi ghas-smigh tal-kawza kif provdut fl-artikoli 167-170 tal-kapitolu 12 tal-Ligijiet ta' Malta, u

2. Hekk tikkundanna minnufih is-socjeta' konvenuta thallas l-istess somma ta' LM6,395.53 hawn fuq imsemmija u dovuta kif intqal aktar il fuq.

Bl-ispejjez inkluzi dawk tal-mandata ta' sekwestru kawtelatorju mahrug kontra s-socjeta' konvenuta fis-7 ta' Frar, 2002 u ta' l-ittra uffficcjali datata 8 ta' Frar, 2002. Ir-rappprezentanti tas-socjeta' huma minn issa ingunti ghas-subizzjoni.

Rat id-dikjarazzjoni w in-nota ta' tax-xhieda tas-socjeta' attrici;

Rat illi c-citazzjoni giet debitament notifikata lis-socjeta' konvenuta li naqset li tipprezenta nota ta' eccezzjonijiet u hekk baqghet kontumaci; u lanqas ma dehret fis-seduta tal-lum;

Semghet l-Avukat tas-socjeta' attrici;

Ezaminat l-atti tal-kawza;

Billi mill-provi mhux kontradetti, it-talba dedotta fic-citazzjoni tirrizulta pruvata.

Fil-kontumacja tas-socjeta' konvenuta tiddeciedi billi tilqa' t-talba ta' l-atturi kif dedotta fic-citazzjoni bl-ispejjez kontra s-socjeta' konvenuta.

**IMHALLEF**

**D/REG**